MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2015

Numru 69/2015

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Floyd Attard**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Floyd Attard ta’ 30 sena, bin Carmelo u Anna nee’ Zammit, imwieled Pieta’ fl-10 t’ Awwissu, 1984, residenti gewwa l-fond numru 24 Triq id-Duluri Isla u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 400284M.

Akkuzat talli fis-16 ta' Dicembru 2011 ghall-habta ta' bejn it-15:30hrs u 16:45hrs mill-iskola bl-isem ta' St Michael's Foundation li tinsab fi Triq tal-Balal San Gwann ikkommetta serq ta' diversi apparat tal-computer li l-valur taghhom jeccedi il-2329.4 Euro (Lm1000) liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur u dan ghad-detriment ta' is-sidien u/jew il-haddiema tal-imsemmija skola u/jew persuna/i ohra u dan bi ksur tal-artikoli 261(b)(c), 263(a), 265, 267, 278(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamel hsara f' apparat tal-computer, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros ghad-dannu ta' s-sidien u/jew il-haddiema tal-imsemmija skola u/jew persuna/i ohra u dan bi ksur tal-artikolu 325(1) (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv b' diversi sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-6 ta' Marzu, 2015 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.  Il-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2011 u li minn dak iz-zmien ‘l hawn l-imputat skonta piena ta’ prigunerija u llum il-gurnata irrijabilita ruhu u sab impjieg u biex ir-rijabilitazzjoni tieghu ma titkissirx qablu illi ghandhom jigu applikati l-provvediment tal-Art 7 tal-Kap 446 fil-massimu.  Il-Qorti kkunsidrat ukoll li t-tieni mputazzjoni kienet mezz ghall-fini tal-ewwel imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(b) (c), 263(a), 265, 267, 279(2), 17, 325(1)(b), 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lil imputat hati tat-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Art. 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-hrug ta' Ordni ta' Probation fil-konfronti tieghu ghall- perjodu ta' tlett (3) snin millum skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------